## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 117/2021: **ID-DIRETTUR, QRATI U TRIBUNALI KRIMINALI BĦALA REĠISTRATUR QRATI U TRIBUNALI KRIMINALI V. MATTHEW VELLA (KI. 279980M)**

(IL-PROĊEDURI GĦAL DISPREZZ TAĦT ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAL-ARTIKOLI 988 SA 1003A TAL-KAP. 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA HUMA TA' INDOLI KRIMINALI – L-ART. 409, 517 U 531 TAL-KODIĊI KRIMINALI HUMA TLETT DISPOSIZZJONIJIET LI JITRATTAW IS-SEGRETEZZA U L-KUNFIDENZJALITÀ LI L-QRATI TA' ĠUSTIZZJA PENALI JISTGĦU JIMPONU FUQ IL-PROĊEDIMENTI LI JKUNU QED ISIRU QUDDIEMHOM)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16 ta' Mejju 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors[1] tad-Direttur, Qrati u Tribunal Kriminali bħala Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali ("id-Direttur rikorrent" jew "ir-rikorrent") ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tqis il-pubblikazzjoni ta' artiklu bl-isem ta' "*Arthur Azzopardi, Theuma and Muscat*" min-naħa ta' Matthew Vella ("l-intimat") fil-ħarġa tal-gazzetta "MaltaToday" tas-6 ta' Diċembru 2020 u fuq in-*news portal* tal-istess gazzetta fis-7 ta' Diċembru 2020, bħala ksur ta' ordnijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja matul il-kumpilazzjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Yorgen Fenech" (K. 720/19) stante illi kien jinkludi siltiet minn *voice*

[1] Fol 1

*recordings* li ġew esebiti fl-atti tal-kumpilazzjoni u li fuqhom kien hemm divjet tal-pubblikazzjoni. Ir-Reġistratur rikorrent talab għalhekk sabiex din il-Qorti:

1. « *Issib lill-intimat ħati ta' disprezz kontra l-awtorità tagħha ai termini tal-artikolu 997 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-intimat għall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro {€2,330) jew għall-multa u priġunerija flimkien;*

3. *Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimat ai termini tal-artikolu 997 (2) tal-Kap. 12 et seq tal-Liġijiet ta' Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimat.*

   *Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-liġi.* »

wara li rat ir-risposta tal-intimat ippreżentata fil-21 ta’ Mejju 2021[2] li permezz tagħha *inter alia* eċċepiet in linea preliminari illi d-Direttur rikorrenti jrid qabel xejn jipprova li r-*recordings* in kwistjoni jiffurmaw parti mill-inkartament tal-kumpilazzjoni msemmija u li l-Qorti li qed tisma’ dik il-kumpilazzjoni kienet ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni tagħhom, illi fi kwalunkwe każ m’huwiex marbut bl-ordni tad-divjet, illi ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li tipprojbixxi lil persuni estraneji għall-kumpilazzjoni milli jippubblikaw provi dokumentarji esibiti fl-atti u finalment illi f’kull każ l-aġir tal-intimat xorta waħda ma’ kienx bi ksur tal-ordnijiet tal-Qorti stante illi r-*recordings* in kwistjoni ġew ottenuti wara l-pubblikazzjoni tagħhom minn terza persuna fuq sit pubbliku u mhux mill-atti tal-kumpilazzjoni in kwistjoni,

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha preżentati inklużi l-*affidavit* ippreżentat mill-intimat,

wara li ħadet konjizzjoni tan-noti ta’ osservazzjonijiet finali ppreżentati għan-nom

[2] Fol 41

- tad-Direttur rikorrent, fl-1 ta' Frar 2022, mill-Avukat Dr. Alan Zerafa[3],
- tal-intimat, fl-1 ta' Marzu 2022, mill-Avukati Dr. Veronique Dalli u Dr. Andrew Saliba.[4]

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Retroxena tal-każ

1. Fil-11 ta' Diċembru 2019 bdiet il-kumpilazzjoni 720/2019 fl-ismijiet: "**<u>Il-Pulizija v. Yorgen Fenech</u>**" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020 ġie vverbalizzat *inter alia* s-segwenti:

   « *Il-Qorti tordna wkoll illi l-kopji mehudin mill-inkartament tal-process kriminali (ossia d-dokumenti esebiti li ma jigux moqrija fil-Qorti fil-miftuh) u li jistghu jinghataw lill-partijiet f'dawn il-proceduri u lid-difensuri taghhom ma jigux ippublikati u lanqas mghoddija lil terzi persuni u lanqas illi jkunu maghmula disponibbli lil terzi.* [5] »

2. Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2020 ġie vverbalizzat *inter alia* illi:

   « *Il-Qorti wara li rat illi l-kontenut ta΄whud mir-recordings esebiti fl-atti ta΄din il-kawza, qieghed evidentement jispicca f΄idejn terzi persuni kif ukoll qed jigi ppubblikat, tqis illi fic-cirkostanzi dan jista΄jkun ta΄hsara ghall-finijiet tal-gustizzja u jikkostitwixxi wkoll ksur tal-ordni li hija diga` tat fl-udjenza tat-30 ta΄ Jannar 2020 dwar dak li jista΄u ma jistax isir bil-kopji tad-dokumenti formanti parti mill-inkartament ta΄dawn l-atti u li jinghataw lill-partijiet u lid-difensuri taghhom.*

   *Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tirriafferma l-ordni taghha tat-30 ta΄Jannar 2020 u taghmilha car illi dan id-divjet jestendi wkoll ghar-recordings in kwistjoni u t-*

---

[3] Fol 41
[4] Fol 49
[5] Fol 6

*traskrizzjonijiet taghhom. Sejra tqis ukoll kull ksur ta' din l-ordni bhala turija ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha.*[6] »

3. Fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2020 ġew esebiti *inter alia* tlett *voice recordings* 002, 005 u 009 u l-Qorti ordnat illi dawn jinstemgħu bil-magħluq tenut kont l-fatt illi fihom kienu jissemmew ismijiet ta' terzi persuni u fatti illi ma għandhomx x'jaqsmu mal-investigazzjoni u li jistgħu jippreġudikaw id-drittijiet tagħhom.

4. Fis-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020 ġie vverbalizzat *inter alia* s-segwenti:

*« Il-Qorti taghmel referenza ghall-pubblikazzjoni fl-ahhar granet, fuq il-pjattaforma elettronika www.reddit.com b'mod anonimu, inkluz fuq xi news portals tal-midja lokali u fuq xi midja socjali, ta' parti jew partijiet minn xi voice recording jew voice recordings kontenuti fil-hard drive Dok. AC formanti parti mill-atti ta' dan il-procediment. Tosserva illi kopja ta' dan il-hard drive Dok. AC, kontenenti dawn il-voice recordings, kienet inghatat mill-espert tekniku, kif debitament awtorizzat, lill-Prosekuzzjoni, lid-difiza, lill-parte civile, lil Melvin Theuma. Taghmel referenza wkoll ghad-digriet taghha moghti fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020 fejn hija kienet ordnat illi dokumenti formanti parti mill-atti processwali li kopji taghhom jinghataw lill-partijiet f'dawn il-proceduri u lid-difensuri taghhom, ma jigux ippubblikati u lanqas mghoddija lil terzi persuni u lanqas ikunu maghmula disponibbli lil terzi.*

*Taghmel ukoll referenza ghad-digriet sussegwenti minnha moghti fl-20 ta' Frar 2020 ...*

*Tosserva ulterjorment illi dawn il-voice recordings jew siltiet minnhom, li gew hekk pubblikati fuq siti jew pjattaformi elettronici fil-granet li ghaddew, huma wkoll fost dawk li hija ordnat illi jinstemghu bil-maghluq fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2020 (Voice 002, 005 u 009) bl-applikazzjoni tal-Artikolu 409 tal-Kap. 9.*

---

[6] Fol 8 u 9

*Stabbilit dan kollu, il-Qorti tqis li, kwantu huwa evidenti li xi hadd minn dawn il-persuni fuq imsemmija, jew xi haddiehor li ghall-finijiet ta΄ dawn il-proceduri kellu access ghal dawn il-voice recordings, ghadda jew ghamel disponibbli lil terzi kopja tal-atti tal-procediment ossia voice recordings kontenuti f΄Dok. AC, jew addirittura ippubblika huwa stess anonimament dawn ir-recordings fuq xi sit elettroniku (www.reddit.com), dan l-agir huwa kundannabbli ghaliex jikkostitwixxi fih innifsu ksur ardit u sfaccat tal-ordnijiet tal-Qorti moghtija waqt is-seduti tat-30 ta΄ Jannar 2020 u 20 ta΄ Frar 2020, u disprezz manifest lejn l-awtorita` taghha.*

*Kwantu dan l-agir jikser ukoll l-ordni moghtija mill-Qorti fis-seduta tat-22 ta΄ Lulju 2020 biex is-smigh tal-voice recordings 002, 005 u 009 isir bil-maghluq ghaliex inter alia, is-smigh bil-miftuh ikun ta΄ hsara ghall-finijiet tal-gustizzja, il-Qorti tqis li l-agir fuq imfisser jikkostitwixxi, oltre ksur ta΄ordni tal-Qorti, reat kriminali taht, inter alia, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 409(2) tal-Kap. 9, li huwa punibbli bil-piena taht l-Artikolu 257 tal-istess Kap. 9.*

***Kwantu mbaghad ghall-pubblikazzjoni tar-recordings fuq xi siti elettronici tal-midja lokali (news portals), il-Qorti filwaqt li tistmerr u tiddeplora din il-pubblikazzjoni ghaliex hija ta΄ hsara ghall-finijiet tal-gustizzja u l-ahjar amministrazzjoni taghha kif ukoll ta΄ hsara ghall-integrita` tal-atti tal-kumpilazzjoni, tqis illi din il-pubblikazzjoni tikkostitwixxi ksur tal-ordnijiet moghtija fit-30 ta΄ Jannar 2020, fl-20 ta΄ Frar 2020 u fit-22 ta΄ Lulju 2020 u jammonta ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha.*** (emfasi miżjuda minn din il-Qorti)

*Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tordna li dan il-verbal jigi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jikkonduci l-investigazzjonijiet kollha li jidhrulu xierqa biex b΄kull mezz li jkun, jigi stabbilit (i) l-identita` ta΄ kull min minn dawk il-persuni li nghataw kopja jew b΄xi mod kellhom access ghall-voice recordings f΄Dok. AC, ikunu min ikunu, U li kkomunikaw, ghaddew jew ghamlu disponibbli lil terzi dawn l-istess voice recordings, fosthom dawk li gew ippubblikati, anke anonimament, fuq xi sit elettroniku, u (ii) is-sors tal-pubblikazzjoni u l-identita` ta΄ kull min seta΄ kien responsabbli ghall-pubblikazzjoni b΄kull mezz li jkun, ta΄ dawn il-voice recordings jew siltiet minnhom.  Dan kollu ghall-fini li jigu eventwalment istitwiti fil-konfront ta΄ dawn il-persuni, skont il-kaz u l-istat jew kariga li jista΄*

*jkollhom, u jekk ikun il-kaz, (i) azzjoni kriminali ghall-kommissjoni ta' kull reat kriminali li jigi identifikat, fosthom izda mhux limitatament ir-reati taht l-Artikoli 133, 257 u 409(2) tal-Kodici Kriminali, u jew (ii) procedimenti ghal disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti, liema procedimenti l-Qorti qieghda minn issa tordna lir-Registratur tal-Qorti tistitwixxi fil-konfront ta' dawk il-persuni li jigu hekk identifikati, taht l-Artikolu 997 u ghall-finijiet tal-Artikolu 1003A, tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili...*

*Ghal dan il-ghan qieghda tordna li dan il-verbal jigi komunikat ukoll lill-istess Registratur tal-Qorti li ghandu ulterjorment jassigura li jistabblixxi huwa stess l-identita` tal-persuni li huma responsabbli ghall-pubblikazzjoni ta' dawn il-voice recordings jew siltiet minnhom fuq mezzi tax-xandir lokali on-line (news portals), bi ksur tal-ordnijiet moghtija fit-30 ta' Jannar 2020, fl-20 ta' Frar 2020 u fit-22 ta' Lulju 2020, u jirrapporta lura lill-Qorti, halli l-Qorti tista' tordna li jigu istitwiti minghajr dewmien fil-konfront taghhom, procedimenti ghal disprezz lejn l-awtorita` taghha taht l-imsemmi Artikolu 997 tal-Kap. 12.*

*...* ***Il-Qorti ghal darb' oħra qiegħda tirribadixxi l-ordnijiet gia` minnha moghtija fit-30 ta' Jannar 2020 u 20 ta' Frar 2020, u tiddivjeta u tipprojibixxi bl-iktar mod gravi, kull zvelar jew pubblikazzjoni b'kull mezz li jkunu minn kull persuna li jkun, ta' kwalsiasi dokument formanti parti mill-inkartament ta' dan il-process inkluz izda mhux limitatament, audio-visual u voice recordings u traskrizzjonijiet taghhom, b'kull ksur ta' dan l-ordni jitqies bhala disprezz lejn l-awtorita` taghha u jigi investigat u processat minnufih***. (emfasi miżjuda minn din il-Qorti)[7] »

5. Imbagħad fis-16 ta' Diċembru 2020 l-istess Qorti qieset il-pubblikazzjoni tal-artiklu bl-isem ta' "*Arthur Azzopardi, Theuma and Muscat*" min-naħa tal-intimat fil-ħarġa tal-gazzetta "MaltaToday" tas-6 ta' Diċembru 2020 u fuq in-*news portal* tal-istess gazzetta fis-7 ta' Diċembru 2020, bħala ksur tal-ordnijiet fuq imsemmija stante illi fil-fehma tagħha kien jinkludi siltiet minn *voice recordings* li ġew esebiti fl-atti tal-kumpilazzjoni u li fuqhom kien hemm id-divjet. Dik il-Qorti għalhekk ordnat lid-

[7] Fol 11-14

Direttur rikorrent sabiex jistitwixxi fil-konfront tal-awtur, proċeduri għal disprezz kontra l-awtorità tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Din il-kawża għalhekk ma' titrattax il-pubblikazzjoni tar-*recordings* fuq is-sit elettroniku tal-MaltaToday (xi ħaġa li b'mod ġeneriku l-Qorti Istruttorja kienet għamlet riferenza għaliha fis-seduta tal-13 ta' Awwissu 2020) iżda l-pubblikazzjoni tat-*transcripts* ta' xi siltiet mir-*recordings* in kwistjoni fl-edizzjoni tal-gazzetta fuq imsemmija.

**Provi**

7. Qabel xejn jingħad illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2021 il-Qorti ordnat permezz ta' digriet illi l-provi miġbura fil-kawża fl-ismijiet "**Id-Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali bħala Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali v. Saviour Balzan u Matthew Vella**" (Rik. Nru. 242/2020 VGA), liema kawża kienet pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta u kważi sa' mill-bidu nett imxiet *pari passu* ma' din il-kawża, għandhom jgħoddu b'mod ugwali għal din il-kawża daqs li kieku ingħataw fl-atti ta' din il-kawża.

8. Fil-21 ta' Jannar 2021 xehdet **Eunice Grech Fiorini**, dak iż-żmien Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, li kkonfermat illi fit-13 ta' Awwissu 2020 kienet irċeviet komunika sabiex tidentifika l-persuni responsabbli għall-pubblikazzjoni tal-*voice recordings* in kwistjoni jew siltiet minnhom fuq mezzi tax- xandir lokali, siti *online* u news portals u tistitwixxi proċeduri ta' disprezz ai termini tal-Art. 997 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk hija bdiet twettaq ir-riċerka tagħha *online* u peress li ma' kienetx parti mill-kumpilazzjoni hija talbet direzzjoni mill-istess Qorti sabiex tivverifika jekk dak li rriżultalha effettivament kienx jagħmel parti mir-*records* tal-kumpilazzjoni li ma' kellhomx jiġu ppubblikati. Ix-xhud esebiet ukoll kopja tal-ordnijiet u d-digriet fuq imsemmija li nħarġu mill-istess Qorti.

9. L-istess xhud spjegat kif hija kienet talbet il-permess minn dik il-Qorti sabiex tottjeni traskrizzjonijiet ta' dawk il-*voice recordings* mill-atti tal-kumpilazzjoni li kienu suġġett għad-divjet tal-pubblikazzjoni (i.e. dawk intestati 002, 005 u 009). Filfatt l-

istess Qorti b'digriet datat 20 ta' Jannar 2021, li kopja tiegħu ġiet ukoll esebita mix-xhud[8], iddeċidiet billi:

> « *filwaqt li tilqa' t-talba tar-rikorrent u tawtorizzah jingħata kopja tat-traskrizzjonijiet tar-recordings meħtieġa minnu għall-fini tal-proċeduri minnu ndikati fir-Rikors, u dan unikament għall-fini li jiġu esebiti fl-atti tal-kawża "Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali bħala Reġistratur v. Saviour Balzan et" (Rikors Numru 242/2020), tordna ulterjorment illi dawn il-kopji:-*
>
> - *Jitpoġġew f'envelop issiġillat li għandu jinżamm fis-sigrieta tal-Maġistrat li qed jippresjedi l-kawża msemmija, u mhux fil-Registru;*
> - *Ikunu aċċessibbli biss lill-partijiet – u lil ħadd iktar – quddiem il-Qorti seduta stante waqt is-smiegħ tal-kawża msemmija u fl-ebda waqt ieħor; u*
> - *Ma' jingħatawx kopji tagħhom lanqas lill-partijiet fil-kawża msemmija*. »

10. It-traskrizzjonijiet tal-*voice recordings* in kwistjoni ġew esebiti mill-istess xhud bħala Dok EF3. Fl-istess seduta l-Qorti għamlet tagħha l-ordni li kienet tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fir-rigward taż-żamma ta' dan id-dokument u l-aċċessibilita' kkontrollata għalih.

11. Fid-19 ta' Frar 2021 il-Qorti għamlet Dok EF3 aċċessibbli għall-partijiet f'seduta li ġiet iffissata speċifikament għal dan il-għan.

12. Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2021 xehed **<u>Saviour Balzan</u>** li spjega li wara li fis-seduta preċedenti kien ra t-traskrizzjonijiet tal-*voice recordings* (Dok EF3) in kwistjoni huwa kien f'posizzjoni li jikkonferma illi fir-rigward tal-artiklu tal-25 ta' Ottubru 2020 (liema artiklu m'huwiex il-mertu tal-kawża odjerna imma jifforma l-mertu tal-kawża rik. Nru. 242/2020 li kif ġa ngħad mxiet *pari passu* ma' din il-kawża) miktub minnu:

> *"s-sors u l- artiklu kien ibbażat mhux fuq transcripts iżda fuq filmati ta' interrogazzjoni minn Kurt Zahra u Keith Arnaud tal-persuna jew inkella tal-*

---

[8] Fol 61-62

*persuni li msemmiha. F' dawn l-interrogazzjonijiet mhux biss hemm filmat tal-mistoqsijiet u r- risposti tal- persuni nvoluti iżda kif ukoll partijiet mill-interrogazzjoni jikkonċernaw ukoll recordings tas- security services ta' dawn in-nies. Issa rrid nghid li f' dak il- mument partikolari l- kontenut ta' dawn l-avvenimenti ma kienx naghruf ma l-ebda parti, jista' jkun mal- prosekuzzjoni kienet ovvjament maghrufa. Iżda ma kinitx maghrufa ghall- ebda parti li kienu nvoluti fil-proċess...*

*... apparti kollox kien hemm ukoll problema li kienet issa fid- dominju pubbliku li hafna mit- transcriptions u tapes, hafna minnhom dawn ma kinux gew traskritti ghax kien hemm saffi differenti jew formati differenti ta' transcripts li hafna minn dawn kienu qed jigu mill- informazzjoni li ghandna, kienu qed jiġu transcribed mhux mill- prosekuzzjoni imma hafna drabi mill- parte civile li ghandhom il-backing, m' hemm xejn hazin fiha, tad- Daphne Foundation li ghandhom certu access u dan u nies ohra li kellhom interess li jkunu jafu dawn l- affarijiet. Apparti dawn kien hemm ukoll l- Avukati tal- ahwa Degiorgio li kellhom dawn it- tapes perse. Issa, l- istorja mhijix biss ibbazata fuq dan il- fatt ta' filmat illinkjat izda l-istorja turi bl- iktar mod car kif parti mill- istorja giet ovvjament mhix imwassla ghand il- partijiet kollha differenti fosthom il- pubbliku. Jigifieri ma nafx hux ha nsemmi dan il- punt partikolari imma t-titlu huwa coaching jigifieri dan juri lil Giojja li kien qisu l- father figure, iktar minn Father figure ghal Melvin Theuma kien bazikament qed jghidlu x' ghandu jghid, kif ghandu jirrekordja, kif ghandu jaghmel l- affarijiet. Xi haga li ovvjament kien fl- interess pubbliku"*[9]

13. Ix-xhud kompla jispjega illi:

*"t- timing taghna kien ferm qabel ma kien hemm gharfien jew kien hemm konoxxenza ta' dawn it- transcripts. Jigifieri b' differenza, u ghidtha din minn leakages ta' transcripts ohra li kienu ovvja li gejjin ladarba ienu fil- maghluq minn avukati nvoluti mill- parti civili li kienu precizament jitkellmu fuq per ezempju Whatapp messages, ritratti li kienu assolutament, jigifieri kien hemm certezza, prova u certezza li dawn kienu hergin. Fosthom ritratti li kienu fil- preżenza biss tal- prosekuzzjoni u tal- pulizija. Li kien hemm jigifieri u jigifieri dawn hargu, issa*

---

[9] Fol 74

*jien bl- ebda, nista' nghid dawn hargu fit- Times. Ma hargux ghandna. Jigifieri u dawn hargu ghax hargu ghax kien hemm, issa jien mhux qed nikkundanna leakages. Imma jien qed nghid li kien hemm sitwazzjonijiet precizi li juru li l-leakages gejjin mill-prosekuzzjoni u sfortunatament irrid nghid il- prosekuzzjoni kien hemm affarijiet li lkienu certissimi li gejjin mill- prosekuzzjoni"*[10]

14. Fir-rigward tal-artikli l-oħra (merti ukoll tal-kawża rik. nru. 242/2020) ix-xhud xehed illi:

 *"dak li rrapurtajna kien ibbazat bazikament fuq il- fatt li ahna rajna filmat bl- awdjo. Il- filmat bl- awdjo li ma tantx kien car, fis- sens car qisu tar- ross nghidulu taz- zmienna tat- televixin, u l- punt huwa li bazikament kien hemm waqt l- interrogatorju jissemmew recording tal- MSS. Ghalhekk imbaghad hemm xebh car ghal transcripts li iktar tard gew prezentati fil- Qorti."*[11]

15. Fuq kif kienu jiddeċiedu x'jippubblikaw jew le bħala linja editorjali ix-xhud spjega illi:

 *"Ahna konna dejjem niltaqghu bhala edituri, ghandna xi erbgha edituri, u dejjem konna nistaqsu lilna nfusna imma dawn hargu? U jekk konna nafu li dawn ma hargux u ma kinux preżentati ma konnix naghmluhom. Jigifieri dik wahda. Per ezempju kien hemm sitwazzjoni fejn kienu hargu fil- kumpilazzjoni tad- Degiorgijiet. Dawk ovvjament nafu li konna safe nohorguhom. Jigifieri kienu, issa certament, dan kien il- punt fejn ahna dejjem konna nistaqsu ahna, din hargu? Dawn qeghdin hemm? U ovvjament ippublikajnihom fuq il-premessa li dawn konna nemmnu li ma kinux hemm."*

16. Inoltre Balzan kien enfatiku meta spjega illi l-maġġoranza tal-affarijiet li ġew ippubblikati fl-artikli in kwistjoni kienu għadhom ma' ħarġux fil-Qorti f'dak l-istadju u dan seta jikkonfermah wara li kellu ċ-ċans jara t-*transcripts* fis-seduta preċedenti. Jekk kien hemm xebh bejn dawn it-*transcripts* u xi affarijiet li ġew ippubblikati fl-

---

[10] Fol 75
[11] Fol 75-76

artikli dan kien dovut għall-fatt illi l-istess fatti kienu ħarġu *verbatim* fl-interrogazzjonijiet imsemmija.

17. Balzan għalaq ix-xhieda tiegħu billi jfakkar li l-gazzetta MaltaToday għandha *court reporter* li jassigura li meta jkun hemm talba mill-Qorti sabiex ċertu affarijiet ma' jixxandrux, dawn ma' jixxandrux.

18. Fit-2 ta' Ġunju 2021 ġie ippreżentat l-affidavit mill-intimat l-ieħor **Matthew Vella**. L-istess bħal Saviour Balzan, Vella kkonferma illi fir-rigward tat-*transcripts* in kwistjoni:

> *"it-traskrizzjonijiet la jien u lanqas Saviour Balzan ma konna qatt rajnihom qabel. Lanqas ma qatt smajna r-recordings in kwistjoni. Minn ezami hafif taghhom waqt dik is-seduta tas-19 ta' Frar, stajt nara Ii uhud mill-episodji u kwistjonijiet Ii jissemmew f'dawn it-traskrizzzoniiet kellom xebh ghal xi kwistjonijiet li rrapurtajna dwarhom. Pero' zgur li mhumiex l-istess.*
>
> *ls-sors taghna ghal dan ir-rappurtagg kien differenti... ir-rapurtagg li jifforma l-mertu ta' din il-kawza kien imsejjes fuq recordings ta' interrogazzjonijiet tal-Pulizija u mhux fuq recordings jew traskrizzjonijiet ta' konversazzjonijiet bejn il-persuni involuti fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia...*
>
> *La jiena u lanqas Saviour Balzan ma qatt konna prezenti waqt is-smigh tal-kumpilazzjoni. La jien u lanqas Saviour Balzan ma ahna b'xi mod parti f'dik il-kawza, u ma għandna ebda access ghaJJ-inkartament ta' dawk iJ-proceduri. Ahna sempliciment nibghhatu court reporter Jj jirraporta s-smiegh pubbliku kif jaghmlu gurnali ohra. Seduti bil-maghluq ovvjament ma jigux rapurtati."*[12]

19. Fis-7 ta' Ottubru 2021 xehdet **Maria Dolores Fenech**, Aġent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, li esebiet il-verbali in kwistjoni tal-Qorti Istruttorja u kkonfermat l-ordni li kienet tat l-istess Qorti lir-Reġistratur sabiex jiftaħ il-kawża odjerna kontra l-intimat.

---

[12] Fol 88-89

**Il-liġi u n-natura ta' din il-proċedura**

20. Din il-kawża ta' disprezz inbdiet mir-Reġistratur rikorrent fuq talba tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ai termini tal-Art 1003A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bħala tali taqa' taht id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 988 sa 1003A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) iżda dawn l-artikoli huma applikabbli ukoll għall-Qrati Kriminali, inkluż din il-Qorti, bis-saħħa tal-Artikolu 686 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li:

> « 686. Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq il-qima li għandha tinġieb lill-qorti, igħoddu għall-qrati kriminali. »

21. L-artikolu partikolari tal-liġi li jirregola l-proċedura li ġiet istitwita mir-Reġistratur rikorrent hija l-Artikolu 997 tal-Kap. 12 li jipprovdi kif ġej:

> « 997. (1) Fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.
>
> (2) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi. »

22. Ma' hemmx dubbju li l-mod insolitu ta' kif tinbeda kawża ta' din ix-xorta (i.e. mir-Reġistratur u permezz ta' rikors), il-fatt illi hija regolata minn disposizzjonijiet li jaqgħu taħt leġislazzjoni ta' natura ċivili u l-fatt ukoll illi amministrattivament titmexxa fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili lkoll jagħmlu din il-proċedura waħda li tixbah iżjed lil kawża ta' natura ċivili milli waħda kriminali. Madanakollu kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna kawża ta' disprezz hija waħda ta' natura purament kriminali. Fis-sentenza fl-ismijiet: **Catherine Portelli v. Joseph Cachia et. noe.**

(Qorti tal-Appell Kummerċjali, 28.01.1991, Vol. LXXV (1991), Parti. 2, Sezzjoni 2, Paġna 526) intqal li:

> « *dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b' citazzjoni, cjoe` l-att li ordinarjament jintuza f'azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f' dan il-kaz m'hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza*". »

23. Din id-distinzjoni hija ta' importanza fundamentali mhux l-anqas għaliex il-livell ta' prova li jrid jintlaħaq mhuwiex dak li huwa meħtieġ fi qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili (ossia' il-prova fuq bilanċ ta' probabilitajiet) iżda huwa dak rikjest fi proċeduri ta' natura kriminali ossia' li l-provi jkunu tali illi jmorru 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

**Konsiderazzjonijiet**

24. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 988 sa 1003A msemmija qegħdin hemm sabiex *"b'mod effettiv, jiġi aċċertat li ħadd ma' jista' jmur kontra l-liġi u jinjora l-ordnijiet li tagħti l-Qorti".* [13]

25. Naturalment tali ordnijiet iridu jkunu leġittimi fis-sens illi jkunu bbażati fuq xi disposizzjoni partikolari tal-liġi.

26. F'dan il-każ partikolari l-Qorti Istuttorja ħarġet tlett ordnijiet separati:

    1. Fit-**<u>30 ta' Jannar 2020</u>** ordnat illi dawk id-dokumenti esebiti fil-kawża li ma' jkunux ġew moqrija fil-Qorti fil-miftuħ ma' jiġux ippubblikati u lanqas mgħoddija lil terzi persuni jew magħmula disponibbli għalihom;

    2. Fl-**<u>20 ta' Frar 2020</u>** il-Qorti b'mod speċifiku estendiet dan id-divjet għar-*recordings* esebiti fl-atti tal-kawża u għat-traskrizzjonijiet tagħhom (naturalment ħlief għal dawk illi jinstemgħu matul il-proċess fil-Qorti bil-miftuħ);

---

[13] **<u>Dr. Louis Vella et v. Joseph Gatt</u>** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Ċit. Nru. 324/1995/2 RCP)

3. Fit-**<u>22 ta' Lulju 2020</u>** ġew esebiti *inter alia* tlett *voice recordings* 002, 005 u 009 u l-Qorti ordnat illi dawn jinstemgħu bil-magħluq tenut kont l-fatt illi fihom kienu jissemmew ismijiet ta' terzi persuni u fatti illi ma għandhomx x'jaqsmu mal-investigazzjoni u li jistgħu jippreġudikaw id-drittijiet tagħhom. Din l-ordni saret ai termini tal-Art. 409 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

27. Fis-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020 wara li l-Qorti Istruttorja ġiet a konoxxenza tal-pubblikazzjoni ta' dak li dehrilha kienu estratti mit-*transcripts* tal-*voice recordings* in kwistjoni, hija *inter alia* ddikjarat illi:

> *« il-Qorti filwaqt li tistmerr u tiddeplora din il-pubblikazzjoni ghaliex hija ta´hsara ghall-finijiet tal-gustizzja u l-ahjar amministrazzjoni taghha kif ukoll ta´hsara ghall-integrita` tal-atti tal-kumpilazzjoni, tqis illi din il-pubblikazzjoni tikkostitwixxi ksur tal-ordnijiet moghtija fit-30 ta´Jannar 2020, fl-20 ta´Frar 2020 u fit-22 ta´Lulju 2020 u jammonta ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha »*

28. Fir-risposta tiegħu l-intimat eċċepixxa fost affarijiet oħra illi peress illi huwa ma' jagħmilx parti mill-kumpilazzjoni in kwistjoni u ma' ġiex notifikat bl-ordnijiet *de quo* huwa ma' kienx marbut bihom u allura ma' jista' qatt jitqies illi sfida xi ordni tal-Qorti wisq anqas illi huwa ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha.

29. Il-Qorti tosserva illi fil-Kodiċi Kriminali hemm tlett disposizzjonijiet separati li jitrattaw is-segretezza u l-kunfidenzjalità li l-qrati ta' ġustizzja penali jistgħu jimponu fuq il-proċedimenti li jkunu qed isiru quddiemhom:

> « 409. (1) Il-qorti tista' tordna li l-kompilazzjoni titmexxa bil-magħluq, meta hija jidhrilha li l-kompilazzjoni bil-miftuħ tista' tkun ta' ħsara għall-finijiet tal-ġustizzja.
>
> (2) F'dan il-każ, **<u>l-uffiċjali tal-qorti li jieħdu parti fl-atti tal-kompilazzjoni</u>** ma jistgħux jgħidu xi jkun fihom dawk l-atti, taħt il-piena stabbilita fl-artikolu 257. »
> « 517. (1) Kull qorti ta' ġustizzja kriminali tista, b'ordni iffirmat mir-reġistratur u mwaħħal fil-bieb tal-edifizzju li fih il-qorti toqgħod, tipprojbixxi l-pubblikazzjoni, sa ma l-kawża tispiċċa, ta' kitba, stampata jew le, dwar ir-reat li fuqu tkun miexja l-kawża, jew dwar il-persuna tal-imputat jew akkużat; u **<u>kull min jikser dak l-ordni, talli jiksru biss, isir ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-qorti</u>**, u jeħel piena skont l-artikolu 686, barra minn kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett il-ħati skont il-liġi, kemm-il darba bil-kitba jew bil-pubblikazzjoni tagħha jirriżulta

reat ieħor: Iżda għal dan ir-reat l-ieħor, l-azzjoni kriminali titmexxa separatament, skont il-liġi. »

« 531. (1) Il-qorti għandha żżomm is-seduti tagħha bil-miftuħ. Iżda, il-qorti tista' żżomm is-seduti tagħha bil-magħluq fil-każijiet kollha li jinvolvu t-tfal taħt l-età ta' tmintax-il (18) sena jew kull meta jidhrilha li s-smigħ tal-kawża, jekk isir bil-miftuħ, jista' joffendi s-sens tal-mistħija jew jagħti skandlu; f'kull każ bħal dan il-qorti għandha qabel xejn tagħti digriet fuq daqshekk u fih tagħti r-raġuni li għaliha għandu jsir hekk.

(2) Meta s-seduta ssir bil-magħluq, **ħadd ma jista' jippubblika rapporti tal-proċeduri**, taħt il-pieni stabbiliti għad-disprezz lejn l-awtorità tal-qorti.»

30. Ħarsa ħafifa lejn dawn l-artikli tikxef mill-ewwel numru ta' differenzi bejniethom bl-iktar waħda ovvja tkun dik illi filwaqt li l-Art. 409 jirreferi għall-proċeduri li jsiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, l-artikoli l-oħra japplikaw għall-proċeduri f'kull qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali. Differenza oħra importanti hija dik illi filwaqt li taħt l-Art. 409 u l-Art. 531 il-Qorti tordna li l-kawża tinstema bil-magħluq, l-Art. 517 japplika kemm meta l-Qorti tordna li jsir dan u kemm meta l-proċedimenti jsiru bil-miftuħ. Fuq kollox però, waħda mill-iktar distinzjonijiet importanti hija dik illi filwaqt li d-divjet taħt l-Art. 409 japplika biss għall-uffiċjali tal-Qorti li jkunu qed jipparteċipaw fil-kumpilazzjoni, d-divjeti taħt l-Art. 517 u l-Art. 531 japplikaw *ad omnes.*

31. Issa filwaqt li għal raġunijiet ovvji l-intimat huwa żbaljat fl-asserzjoni tiegħu (magħmula kemm fir-risposta u kif ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet finali) illi ma' hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li tipprojbixxi lil persuni estraneji għall-kumpilazzjoni milli jippubblikaw provi dokumentarji esibiti fl-atti (vide Art. 517 u 531 fuq), madanakollu l-Qorti tħoss li għandu raġun illi f'dan il-każ partikolari huwa ma' kienx marbuta bid-divjet tal-Qorti Istruttorja.

32. Il-Qorti tagħmel tagħha l-kliem tal-Qorti Kriminali fid-digriet fl-ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Yorgen Fenech** (29.11.2021, Onor. Imħallef Edwina Grima) fejn b'riferenza għall-istess ordnijiet illi tat il-Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni in kwistjoni, ingħad kif ġej:

« *Dan magħdud, għalkemm l-akkużat jikkontendi illi dina l-ordni ġiet imsejsa fuq dak li jiddisponi l-artikolu 517 tal-Kodiċi Kriminali, ma jidhirx madanakollu li l-*

*Qorti Istruttorja iċċitat din id-disposizzjoni tal-liġi meta ngħata d-digriet imsemmi. Illi fil-fatt mill-informazzjoni mogħtija mir-Reġistratur tal-Qorti, u dan fuq ordni ta' din il-Qorti, ma jidhirx lanqas illi ġiet sewgieta il-proċedura infraskritta f'din id-disposizzjoni tal-liġi biex b'hekk lanqas ma jista' jingħad illi kien hemm it-twaħħil tal-Ordni fl-edifizzju fejn toqgħod il-Qorti li allura kellha isservi bħala notifika ad omnes, sabiex b'hekk min jisfida dik l-ordni ikun passibbli għal proċeduri fit-termini ta'l-artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn allura l-Qorti li tkun ġiet oltraġġjata għandha tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jistitwixxi proċeduri fit-termini ta'l-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kuntrarjament għall-oltraġġ li jsir in faciem curiae.*

*Illi fil-każ in diżamina l-Qorti, madanakollu, ma tistax timxi fit-termini ta'l-artikoli tal-liġi hawn fuq iċċitati u dan għaliex hemm dubbju dwar jekk l-awtur tal-oltraġġ allegat mill-akkużat kienx debitament notifikat bl-ordni tal-Qorti, kif hemm dubbju wkoll dwar is-sors minn fejn inkisbet l-informazzjoni kontenuta fid-dokumenti tal-Qorti, li tagħhom ġiet ipprojbita il-pubblikazzjoni, u min setgħet kienet dik il-persuna li marret kontra l-Ordni tal-Qorti Istruttorja u għaddiet l-informazzjoni lil Camilleri, liema fatti jistgħu jemerġu unikament minn investigazzjoni tal-pulizija* »

33. Għalkemm id-digriet imsemmi ma' ngħatax fil-kuntest ta' proċeduri ta' disprezz bħal ma huma dawk odjerni (il-materja in kunsiderazzjoni mill-Qorti Kriminali kienet jekk il-pubblikazzjoni ta' numru ta' *chats* mill-kittieb Mark Camilleri - li skond l-akkużat *qua* rikorrenti kienet bi ksur tad-divjet tal-Qorti Istruttorja - setgħetx toħloqlu preġudizzju rrimedjabbli għal presunzjoni tal-innoċenza tiegħu), madanakollu l-osservazzjonijiet tal-Qorti Kriminali huma pertinenti stante illi jirreferu għall-ordnijiet tal-Qorti Istruttorja li permezz tagħhom ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' provi dokumentarji li ma' jiġux moqrija fil-miftuħ.

34. Mit-tlett artikli tal-liġi fuq imsemmija, l-unika tnejn li jistgħu jorbtu lil persuni li ma' jkunux qed jipparteċipaw fil-proċess ġudizzjarju huma l-Art. 517 u l-Art. 531 tal-Kodiċi Kriminali. L-Art. 531 ma' japplikax għall-każ odjern peress illi għalkemm fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2020 il-Qorti Istruttorja kienet ordnat li l-*voice recordings* in kwistjoni jinstemgħu bil-magħluq, hija ma' għamlitx dan minħabba li kien hemm tfal minuri fin-nofs jew minħabba li dehrilha illi s-smiegħ fil-miftuħ seta' joffendi s-sens tal-mistħija jew jagħti skandlu, iżda minħabba li s-smiegħ bil-miftuħ kien ikun ta' ħsara għall-finijiet tal-ġustizzja.

35. Għalhekk l-unika artiklu tal-liġi li jibqa' li seta' jiġi applikat sabiex jorbot terzi persuni milli jippubblikaw il-*voice recordings* in kwistjoni u t-*transcripts* tagħhom huwa proprju l-Art. 517 tal-Kap. 9. Dan jirrikjedi illi:

    1. Tinħareġ ordni mill-Qorti li tipprojbixxi l-pubblikazzjoni sal-għeluq tal-kawża tad-dokumenti (inkluż il-*voice recordings* in kwistjoni)

    2. L-ordni tkun mwaħħla mal-bieb tal-awla fejn tkun qed tinstema' l-kawża.

36. Kif sew qalet il-Qorti Kriminali fid-digriet fuq imsemmi, ma' jidhirx li l-Qorti Istruttorja ċċitat l-Art. 517 imsemmi f'xi wieħed mill-ordnijiet tagħha. Anzi fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2020 meta kienet ordnat b'mod speċifiku d-divjet tal-pubblikazzjoni tal-*voice recordings* in kwistjoni, hija ordnat illi s-smiegħ tagħhom isir bil-maghluq u dan ai finijiet tal-Artikolu 409 tal-Kap 9. Kif ġa ngħad, divjet maħruġ ta' dan l-artikolu tal-liġi ma' jorbot lil ħadd għajr għall-uffiċjali tal-Qorti li jkunu qegħdin parti mill-proċeduri.

37. Fl-Ingilterra u Wales taħt is-*Civil Procedure Rules (Rules and Directions)* il-*Queen's Bench Division,* ic-*Chancery Division* tal-*High Court* u f'ċerti istanzi s-*Civil Division* tal-*Qorti tal-Appell* għandhom il-poter illi jordnaw li s-smiegħ isir bil-magħluq meta ikun sodisfatt wieħed jew aktar mir-rekwiżiti segwenti:

> « 39.2 (3) A hearing, or any part of it, must be held in private if, and only to the extent that, the court is satisfied of one or more of the matters set out in sub-paragraphs (a) to (g) and that it is necessary to sit in private to secure the proper administration of justice –
>
> (a) publicity would defeat the object of the hearing;
> (b) it involves matters relating to national security;
> (c) it involves confidential information (including information relating to personal financial matters) and publicity would damage that confidentiality;
> (d) a private hearing is necessary to protect the interests of any child or protected party;
> (e) it is a hearing of an application made without notice and it would be unjust to any respondent for there to be a public hearing;
> (f) it involves uncontentious matters arising in the administration of trusts or in the administration of a deceased person's estate; or

(g) the court for any other reason considers this to be necessary to secure the proper administration of justice…

(5) Unless and to the extent that the court otherwise directs, where the court acts under paragraph (3) or (4), a copy of the court's order shall be published on the website of the Judiciary of England and Wales (which may be found at www.judiciary.uk). Any person who is not a party to the proceedings may apply to attend the hearing and make submissions, or apply to set aside or vary the order.»

38. Taħt l-istess regoli, l-istess Qrati jistgħu ukoll fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet, matul il-proċedimenti, joħorġu *anonymity order* u *interim injunction* sabiex ċertu dettalji, jew addirittura d-dettalji kollha (inkluż f'każijiet rari, l-fatt innifsu li tkun għaddejja kawża) jinżammu mistura u ma' jiġux ippubblikati. Ir-regola ġenerali hija li ordnijiet bħal dawn jiġu notifikati lill-*media houses* sabiex dawn jintrabtu taħt l-hekk imsejjah *"Spycatcher principle"* fis-sens illi għalkemm l-ordni ma' tkunx tipprojbixxi direttament lilhom din tkun tapplika għalihom ukoll wara li jkunu ħadu "viżta" tagħha.

39. Il-Qorti tosserva illi l-Art. 517 tal-Kodiċi Kriminali ilu ma' jara emendi sostantivi għal aktar minn ħamsin sena. Fis-sena 2022 qajla jagħmel sens illi ordni b'divjet tal-pubblikazzjoni tingħata pubbliċità biss billi titwaħħal mal-bieb tal-awla. Bl-avvanzi fit-teknoloġija u bir-realtà differenti ta' kif l-aħbarijiet jimxu minn rokna għall-oħra tad-dinja l-leġislatur għandu serjament jikkunsidra li jemenda u jespandi dan l-artikolu jew anke possibbilment illi jinħoloq qafas legali jew regolamenti ċari li jipprovdu għas-segretezza u kunfidenzjalità tal-proċedimenti. Il-Qorti tħoss illi minimament ordni ta' din ix-xorta għandha tkun notifikata formalment lill-kumpaniji tal-*media* f'pajjiżna li jkollhom il-fakoltà  illi jekk iħossu l-ħtieġa jipprotestaw l-ħruġ tagħha u jitolbu r-revoka tagħha fil-Qorti. Aħjar minn hekk però tkun sistema fejn il-pubbliku in ġenerali jkollu "viżta" tal-ordni tad-divjet tal-Qorti billi din tkun ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Qorti u jekk ikun il-każ fuq il-gazzetti ewlenin.

40. F'kull każ però, kif sew qalet il-Qorti Kriminali fid-digriet fuq imsemmi:

« *d-dritt għall-informazzjoni huwa inerenti f'kull soċjeta' demokratika b'dan għalhekk illi l-pubbliku in ġenerali għandu il-jedd ikun infurmat b'dak kollu li qed*

*jiġri madwaru. Illi din il-manzjoni hija fdata f'idejn ir-raba' pilastru ta' soċjeta demokratika, u ċioe' lil ġurnaliżmu. Illi minn naħa l-oħra huwa ukoll id-dmir ta' kull ġurnalist li jirrapporta fedelment dak minnu konstatat, bil-messaġġ li jrid iwassal jkun veritier u affidabbli u li jista' ikun ta' interess pubbliku. Dan ifisser illi huwa fl-interess taċ-ċittadin f'soċjeta' demokratika illi jiġi mgħarrfa b'dak li jkun qed jiġri f'kull proċess penali quddiem il-qrati tal-ġustizzja tant illi anke il-proċeduri jsiru dejjem fil-qorti bil-miftuħ. Illi dan magħdud madanakollu, l-qrati ta' ġustizzja penali huma mogħnija bis-setgħa li jordnaw divjet fil-publikazzjoni fil-mezzi tax-xandir, fil-midja lokali u l-gazzetti mhux biss ta' isem l-akkużat, iżda ukoll tal-proċess penali saħansitra fl-intier tiegħu meta l-interessi tal-ġustizzja hekk jirrikjedu u ċioe' meta dawk l-interessi jkunu jissuperaw l-interess jew id-dritt tas-soċjeta' għall-informazzjoni. Illi ukoll dan il-jedd għall-informazzjoni ma għandux jissarraf f'jedd għas-sensazzjonaliżmu, intiż biex jizzvija lil qarrej, iżda dan għandu dejjem iservi ta' tiftix għall-verita', manzjoni li del resto hija mħollija ukoll f'idejn il-qrati tal-gustizzja.* »

41. Fir-rigward tal-mertu, għal kull bwon fini l-Qorti tħoss li għandha tiddikjara illi mhijiex konvinta mill-argument tal-intimat li t-*transcripts* tal-*voice recordings* in kwistjoni ma' kienux is-sors tal-pubblikazzjoni tal-artiklu *de quo.* Kif sew irrileva r-Reġistratur rikorrenti fin-nota ta' osservazzjonijiet finali tiegħu, almenu f'ċertu partijiet mill-istess artiklu jidher ċar illi l-informazzjoni kienet qed tinkiseb mit-*transcripts* infushom. Dan huwa aġir li għalkemm fiċ-ċirkustanzi ma' kienx kontra l-liġi, madanakollu seta' faċilment isarraf fi preġudizzju għall-interessi tal-ġustizzja, xi ħaġa li l-Qorti Istruttorja bl-għaqal tagħha għamlet minn kollox biex tevita. Jagħmel tajjeb l-intimat għalhekk li jsaqsi lilu nnifsu jekk bil-pubblikazzjoni in kwistjoni huwa serviex verament l-interess pubbliku jew le.

**Deċiżjoni**

42. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad it-talba tar-Reġistratur rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur